Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 45/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 24 ta' Marzu 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

45. 1 Ittri ta' Apoloġija

45.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius, Is-Sur Wayne Aquilina u s-Sur Joseph Abela Gaea talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati.

45.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.44

45.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 44 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

45.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 39

45.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Olaf McKay ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Frar 2025 u l-24 ta' Marzu 2025 li kienet tammonta għall-€336,036.35.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

45.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 44

45.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2031	Wara d-diskussjoni fil-laqgħa preċidenti u skond il-Minuti li ġew approvati fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John boxall kien hemm qbil li għandha tiġi skedata laqgħa fil-preżenza tas-Sur Joe Mizzi. Kien hemm ukoll qbil li qabel ma ssir din il-laqgħa r-Reġjun ma jħallasx it-tieni pagament ta' €100,000. Din id-deċiżjoni anki ittieġdet fid-dawl li mill-ewwel pagamenti li għaddew il-fonadazzjoni li kienu jammontaw għal €200,000 bejn pagamenti li għaddew ir-Reġjun, il-Kunsill tal-Birgu u anki d-Diviżjoni, n-nefqa kienet biss ta' inqas minn €25,000.
45.4.2 Immaniġjar tal-Iskart	Il-President reġa' fakkar li qabel id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali toħroġ proċedura kif il-multi jkunu jistgħu jiġu approvati, ir-Reġjun ma jistax jimmulta lill-kuntrattur. Il-Pesident fakkar ukoll li s-servizz tal-ġabra qed jingħata fil-lokalita' u għaldaqstant il-contracts manager tal-Kunsill ma jistax jabdika minn din ir-responsabbilita' li jsegwi l-kuntratt tal-ġbir ta' skart fuq bażi lokali.
45.4.3 LESA Enforcement Scheme	Il-President semma li fadal €31,000 f' dan il-fond u li l-Kunsilli kellhom jużawhom sa l-aħħar ta' Mejju 2025. Huwa fakkar lill-Kunsilli sabiex japplikaw.
45.4.4 Kooperattivi	Il-President semma li kienet għaddejja komunikazzjoni mas-Sur John Mallia sabiex ikun jista' jibda l-istudju għal dan il-proġett kif spjegat fil-minuti preċidenti.

45.5 Komunikazzjoni mill-President

45.5.1 Proġetti Ewropej	Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jipparteċipa fi proġett CERV kif ukoll f' ieħor Intereg ma' partners internazzjonali fosthom lokalitajiet li qed jipparteċipaw bħala kandidati għall-Belt Kulturali Ewropea. Semma wkoll li proġet minnhom jitratta l-preservanza tal-wirt kulturali, il-promozzjoni ta' turiżmu kulturali u tradizzjonijiet. Semma li l-proġett l-ieħor jitratta l-arti, it-tibdil fil-klima u ż-żagħażgħ. Dan il-proġett hemm partners mit-Turkija kif ukoll mill-Ġordan.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

45.5.2 Intervisti għall-Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura

Il-President semma li daħħlu l-applikazzjonijiet u ser ikunu qed isiru l-intervisti sa l-aħħar t' April.

Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jaħdem sabiex matul is-sena d-dieħla fejn ir-Reġjun ikun ir-Reġjun Kulturali jtella' Suq tal-Artiġjana.

45.5.3 Artiġjana u PGIS project

Il-President semma wkoll li r-Reġjun qed jaħdem mal-Arts Council fuq il-proġett PIGS sabiex tiġi plotjata mappa interattiva b' artisti lokali. Ir-Reġjun ser ikun qed jiffirma ftehim fil-jiem li ġejjin.

45.5.4 European Network of Holy Week and Easter Celebrations

Is-Sur John Boxall propona li bħala Reġjun jingħaqdu mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, peress li huma diġa membri fil-European Network of Holy Week and Easter Celebrations. Fuq proposta tas-Sur John Boxall issekondata mill-President kien hemm qbil li r-Reġjun jissieħeb f' dan in-network.

45.5.5 Kunsill Reġjonali ta' Tfal

Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser jinżamm l-ewwel Kunsill Reġjonali ta' tfal flimkien ma' The Malta Foundation for Social Wellbeing.

45.6 Aġġornament

45.6.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-19:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw nhar it-Tnejn, 21 t' April 2025 fit-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv